# Dun Manuel Ricaud (1763 - 1835)

## Saċerdot Storiku Żejtuni Minsi Minn Kulħadd.

**Kitba tal-Kan. Joe Abela.**

- **Organizza ix-xogħol tal-qoton fi żmien ir-rewwixta.**
- **Interpretu ta' Alexander Ball.**
- **Talab l-Indipendenza Politika għal Malta fl-1802.**
- **Awtur ta' ktieb bil-Latin fuq il-Main Guard.**

Fi żmien meta qegħdin infakkru l-bidu tal-periodu Franċiż fl-istorja ta' Malta, tajjeb li aħna ż-Żwieten niftakru ftit f'Dun Manuel Ricaud, is-saċerdot li dam snin kbar joqgħod iż-Żejtun u li tista' tgħid, ħadd qatt ma kiteb dwaru.

**Il-Franċiżi jisirqu mill-knejjes Maltin.**

Il-Franċiżi, taħt Napuljun Bonaparti, keċċew lill-Kavallieri minn Malta nhar it-12 ta' Ġunju 1798, eżattament 200 sena ilu. Napuljun innifsu dam Malta biss sitt-ijiem, iżda s-suldati li ħalla warajh taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Vaubois damu wisq aktar minn hekk. Fil-ftit ġranet li dam hawn Malta, Napuljun ipprova jdaħħal riforma siewja fis-sistema edukattiva, iżda l-isforzi tiegħu spiċċaw fix-xejn minħabba l-imġieba xejn korretta ta' dawk li ħalla warajh meta hu telaq bil-flotta Franċiża lejn l-Eġittu.

Tliet xhur wara, jiġifieri f' Settembru 1798, il-Maltin qamu f'rewwixta mdemmija kontra s-suldati Franċiżi meta dawn bdew jisirqu t-teżori tal-knejjes Maltin. Għalkemm l-antenati tagħna Żwieten kienu juru sinjali donnhom ta' xwabel viċin is-serraturi tal-*lockers* tal-qassisin fis-sagristija prinċipali, u jgħidu li dawn kienu magħmula mis-suldati Franċiżi f'attentat biex jisgassaw u jisirqu l-fided mill-knisja parrokkjali taż-Żejtun, ma jidhirx li huma rnexxielhom jisirqu xi ħaġa. Fil-fatt ħafna mill-fided li għandna fil-knisja taż-Żejtun għadhom ġejjin minn żmien il-Kavallieri.

Minkejja dan, iż-Żwieten kellhom sehem kbir fir-rewwixta kontra l-Franċiżi, u storiċi magħrufa għandhom kliem ta' tifħir għaż-Żwieten Franċiżi. Diversi (kif b'nofs ċajta jiddeskrivuhom) li kont issibhom minn ta' quddiem fil-ġlied kontra l-Franċiżi. Diversi huma dawk li baqgħu jissemmew b' isimhom għas-sehem li taw fir-rebħa, iżda f' dan l-artiklu jien ma nistax nikteb dwar kemm huma. Bi ħsiebni allura nillimita l-kitba tiegħi għal wieħed biss: Il-Qassis Dun Manuel Ricaud li filwaqt li ma neskludix li ħa sehem konkret fil-ġlieda, ngħid li żgur kellu sehem importanti ħafna fl-iżviluppi politiċi.

**Ricaud fiż-Żejtun għal-35 sena.**

S' issa għadni ma sibt l-ebda prova li, Manuel Ricaud twieled fiż-Żejtun. Żgur li l-kunjom Ricaud mhux Żejtuni. Iżda wkoll li minn ta' l-anqas, l-aħħar 35 sena ta' ħajtu hu qattagħhom fiż-Żejtun, għaliex id-dokumenti bejn is-snin 1800 u 1835 il-ħin kollu jirreferu għalih. Lista tal-qassisin li kienu jgħixu fiż-Żejtun fil-bidu tas-Seklu XIX tgħidilna li Dun Manuel kien twieled fis-16 ta' Jannar 1763, iżda ma tgħidilniex fejn. Missieru kien jismu Pawlu. Fl-1803, meta allura kellu 40 sena, kien jgħix waħdu fi triq "del Baggi", ir-raħal ta' Isfel.

**Saċerdot ta' Skola Kbira.**

Jidher li Dun Manuel kien saċerdot ta' skola kbira. Kien avukat u għandna provi li kien jaf sewwa l-Latin u l-Ingliż, barra sintendi it-Taljan u l-Malti, kien saħansitra interpretu ta' Sir Alexander Ball. Dan fi żmien meta prattikament ħadd ma kien jaf xejn bl-Ingliż, għaliex il-lingwa tan-nies tal-kultura kienet it-Taljan. Jidher ukoll li Dun Manwel kellu xi konnessjoni mal-Patrijiet Kapuċċini, għaliex fit-testment tiegħu ħalla li meta jmut hu kellu jindifen fiċ-ċimiterju ta' San Feliċ, il-Kapuċċini, Floriana, kif fil-fatt sar. Dun Manuel miet, fiż-Żejtun fit-8 ta' Settembru, 1835, fl-għomor ta' 72 sena.


Sacerdotes addicti Servitio Eccl.
Ad. Rev. Dns. D. Barthol. Sant Parochus an. 38.
R. D. Franciscus Caruana an. 67.
R. D. Michael Mamo an. 55.
R. D. Matthias Zammit an. 52.
R. D. Laurentius Abela an. 51.
R. D. Jacobus Camilleri an. 51.
R. D. Emmanuel Ricaud an. 43.
R. D. Aloysius Balbachino an. 39.
R. D. Joseph Zammit an. 34.
R. D. Vincentius Naudi an. 31.
R. D. Joannes Baptista an. 31.
R. D. Salvator Buzeja an. 30.
R. D. Franciscus Buzeja an. 26.
Cl. Franciscus Mina an. 26.
Cl. Joseph Camingoli an. 21.
Cl. Thomas Abela an. 17.
Cl. Felix Balbachino an. 17.
Cl. Salvator Buzeja 18.
Cl. Coniug. Salv. Mifsud an. 43.

**Lista ta' Qassisin Żwieten magħmula mill-Kappilan Dun Bert Sant fl-1806. Innota fosthom lil Dun Manuel Ricaud meta allura kellu 43 sena.**

## Opinjonijiet Politiċi Differenti.

Meta l-Franċiżi tkeċċew minn Malta mill-Maltin u l-Ingliżi fis-sena 1800, hawn Malta kien hawn diversi partiti, jew aħjar insejħulhom diversi gruppi ta' opinjonijiet u xejriet politiċi differenti fost il-Maltin stess. Kien hawn grupp ta' nies influwenti li xtaqu li Malta tingħata lura lill-Ordni tal-Kavallieri; oħrajn riedu li Malta tingħaqad għal darb' oħra mas-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet bil-Belt ta' Napli bħala l-kapitali tagħha; kien hawn oħrajn favur ir-Russi, għaliex ftit qabel il-Kżar tar-Russja kien intgħażel Gran-Mastru min xi wħud; Il-partit Franċiż, sintendi wara dak li ġara kien sfaxxa għal kollox; u kien hawn partit favur l-Ingliżi li nistgħu nsejħulu partit ġdid, iżda li kien diġa' ta' ċerta forza ġmielha.

U ħafna mill-ewlenin li riedu lill-Ingliżi,kienu joqogħdu ż-Żejtun. Irridu niftakru li t-truppi Ngliżi li għenu biex il-Franċiżi jitkeċċew minn Malta, kienu stabbilew il-kwartieri tagħhom fiż-Żejtun u fil-viċinanzi, wara li kienu żbarkaw f' Marsaxlokk.

## Dun Manuel Favur L-Ingliżi.

Dun Manuel Ricaud kien minn ta' quddiem favur l-Ingliżi. Miegħu kellu lill-famuż Mikiel Cachia, Żejtuni ieħor, li mhux biss kien inġinier militari tajjeb, iżda li wkoll kellu sehem kbir fir-rebħa fuq il-Franċiżi. Fl-1799, Alexander Ball, President tal-Kungress Malti, li kien qed jiġġieled kontra l-Franċiżi, ħalla f'idejn Dun Manwel l-amministrazzjoni tax-xogħol tal-qoton li kien qed isir minn nisa Maltin li kienu tkeċċew mill-ibliet mill-Franċiżi.

Din kienet biċċa xogħol ta' responsabbiltà kbira, għaliex Dun Manuel kellu jipprovdi x-xogħol lil dawn in-nisa biex ma jmutux bil-ġuħ. Meta Mikiel Cachia rnexxielu jakkwista waħda mid-djar kbar ta' Agostino Formosa de Fremaux fiż-Żejtun biex din tinbidel fi sptar, hu Dun Manwel li jagħtina nformazzjoni dwar dak li sar. Fl-1834 hu kiteb dikjarazzjoni dwar dan u din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata minnu u minn Giovanni Diacono u Giovanni Castagna.

## Jitlob Indipendenza Sħiħa għal Malta.

Illum Malta hi Stat Indipendenti politikament u hi kisbet l-Indipendenza wara li kienet ilha 164 sena kolonja Ingliża. Iżda kemm minna jafu li 200 sena ilu Dun Manuel Ricaud kien mar l-Ingilterra bħala membru ta' delegazzjoni, li kienet tinkludi wkoll iż-Żejtuni l-ieħor Mikiel Cachia, titlob lill-Gvern Ingliż jagħti l-Indipendenza sħiħa lil Malta, jekk l-Ingliżi kien bi ħsiebhom jitilqu minn hawn? Dan ġara fi Frar tas-sena 1802, meta l-Ingliżi kien għadhom ma fehmux għal kollox l-importanza strateġika tal-Gżejjer Maltin f'nofs il-baħar Mediterran. Il-partit Malti-Ingliż kien qed jibża' li jekk l-Ingliżi jħallu lil Malta, jiġu lura mill-ġdid hawnhekk il-Kavallieri ta' San Ġwann, u lil dawn huma ma riduhomx aktar.

## Awtur tal-Kitba bil-Latin Fuq il-Portiku tal-Main Guard.

Barra minn hekk kien Dun Manwel li kiteb l-iskrizzjoni li għadha sal-lum naraw minquxa fil-

ġebel taħt l-arma tar-Renju Unit fuq il-Portiku tal-*Main Guard*, biswit il-Palazz tal-President, fil-Belt Valletta. Din il-kitba bil-Latin, *Magnea et Invictae Britanniae Melitensium amor et Europae vox has insulas confirmat. A.D. 1813*, hi xhieda ċara li l-"Ġżejjer Maltin ġew offruti lill-kbira u qatt mirbuħa Brittanja bl-imħabba tal-Maltin u l-kunsens ta' l-Ewropa". Din il-kitba mportanti ġiet dejjem ikkwotata mill-politiċi Maltin li kienu jiġġieldu għad-drittijiet tagħna, biex jippruvaw li Malta qatt ma ntrebħet bi glied mill-Ingliżi kontra l-Maltin, bħal ma ġara fil-każ ta' ħafna kolonji oħrajn Ingliżi.



**L-Arma tar-Renju Unit fuq il-Portiku tal-'Main Guard'. L-iskrizzjoni bil-Latin kitibha Dun Manuel Ricaud.**

Dun Manuel Ricaud ilu mejjet numru sewwa ta' snin, iżda l-ħidma tiegħu ħalliet il-frott li xtaq; l-Ingliżi baqgħu Malta. Veru li l-periodu tagħhom kien politikament bil-wisq kontroversjali, iżda veru wkoll li kien żmien ta' progress mil-lat ekonomiku u edukattiv.


# DENNIS IRONMONGERY

FOR CAR KEY CUTTING

**Aerials - Boosters - Cables Accessories**

**Hire of Electrical Concrete Mixers, Jack Hammers, Security Key Cutting.**

**Special Wall Chasers (tat-Trinek) For Hire**

**DUSTFREE**

**TRIQ IL-QAÂDI, HOUSING ESTATE, ŻEJTUN.**

**Business Hours:**

**Monday to Friday:** 7.00am. - 12.30pm.
2.00pm. - 7.00pm.

**Saturday:** 7.00am. - 2.00pm.

TEL: **673816**




**Bartoline**

& D. I. Y.